

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte (l-Italja) fis-26 ta' Marzu 2018 – Prato Nevoso Termo Energy Srl vs Provincia di Cuneo, ARPA Piemonte

(Kawża C-212/18)

(2018/C 240/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Prato Nevoso Termo Energy Srl

Konvenuti: Provincia di Cuneo, ARPA Piemonte

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98/KE ⁽¹⁾ u, fi kwalunkwe każ, il-prinċipju ta' proporzjonalità, jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik li hija prevista fl-Artikolu 293 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 152/2006 u fl-Artikolu 268 eee-bis tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 152/2006, li timponi li jitqies bħala skart, inkluż fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' impjant imħadde minn bijomassa, bijolikwidu li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi għal dan il-għan, u li huwa mitlub għal finijiet produttivi bħala kombustibbli, jekk u sa fejn dan il-bijolikwidu ma jidherx fil-paragrafu 1 tat-Taqsima 4 tal-Parti II tal-Anness X tal-Parti V tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 152 tat-3 ta' April 2006, u dan indipendentement mit-tweqqif ta' analiżijiet tal-impatt ambjentali negattiv jew mill-eżistenza ta' kwalunkwe kontestazzjoni relatata mal-karatteristiċi tekniċi tal-prodott, fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni?
- 2) L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/28/KE ⁽²⁾, u fi kwalunkwe każ il-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' trasparenza u ta' semplifikazzjoni, jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali bħal dik li hija prevista fl-Artikolu 5 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2011, fis-sens li, meta l-applikant jixtieq ikun awtorizzat li juża bijomassa bħala kombustibbli f'installazzjoni li tipproduċi emiżsionijiet atmosferiċi, hija ma tipprevedi ebda koordinazzjoni mal-proċedura relatata mal-awtorizzazzjoni ta' dan l-użu bħala kombustibbli prevista mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 152/2006, Anness X fil-parti V, u li lanqas ma tipprevedi l-possibbiltà li tiġi evalwata *in concreto* s-soluzzjoni proposta fil-kuntest ta' proċedura unika ta' awtorizzazzjoni u fid-dawl ta' speċifikazzjonijiet tekniċi ddefiniti minn qabel?

⁽¹⁾ Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁽²⁾ Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale ordinario di Roma (l-Italja) fis-26 ta' Marzu 2018 – Adriano Guaitoli et vs easyJet Airline Co. Ltd

(Kawża C-213/18)

(2018/C 240/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale ordinario di Roma